MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2014

Numru. 1126/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Arthur Mercieca)**

**Vs**

**Stephen Urry**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 14 ta` Novembru, 2013 migjuba fil-konfront ta` Stephen Urry, bin Martin u Bernardette nee` Attard, imwieled Pieta`, nhar is-16 ta` Ottubru, 1979, residenti Marbelt hse fi Triq l-Isqof Pietru Pace, Paola u detentur tal-karta tal-identita` numru 547079(M);

L-imputat akkuzat illi:

Talli fil-lejl ta` bejn it-13 ta` Settembru, 2007 u l-14 ta` Settembru, 2007, gewwa Rahal Gdid bejn is-18:30 u 05:55am ikkommetta serq ta` stereo ghad-dannu ta` Alison Mercieca, liema serq ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€239.24) izda hu ikkwalifikat, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-artikoli 261, 263(a), 271(g), 278(1), 278(2) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq il-vettura ALI 575 ghad-dannu ta` Alison Mercieca liema hsara ma teccedix il-Euro 116.47.

U aktar talli fil-lejl ta` bejn l-1 ta` Ottubru, 2007 u l-2 ta` Ottubru, 2007, gewwa Hal Tarxien bejn is-23.30 u 06:30am ikkommetta serq ta` stereo ghad-dannu ta` Ryan Cachia, liema serq ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€239.24) izda hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-artikoli 261, 263(a), 271(g), 278(1), 278(2) tal-Kodici Kriminal, Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkometta hsara volontarja fuq il-vettura HAB 717 ghad-dannu ta` Ryan Cachia, liema hsara teccedi Euro 116.47.

Rat l-atti u d-dokumenti ezibiti;

Rat li matul is-seduta tal-24 ta’ Frar 2014 waqt l-ezami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1)(b) tal-Kodici Kriminali huwa wiegeb li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu inkondizzjonatament;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u wara li taghtu ftit taz-zmien sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat tieghu u jiddeciedi jekk hux sejjer jerga lura minnha, l-imputat wiegeb li huwa inkondizzjonatament hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Peress li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih, fic-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti tqis li dawn huma sodisfacentement pruvati. Ghalhekk, meta qieset kont tac-cirkostanzi kollha ta’ dan il-kaz, il-Qorti ma tistax hlief tiddikjarah hati f’dan il-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet fejn semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li l-imputat kien ikkopera mal-Pulizija f’dan il-kaz u kien huwa stess li stqarr l-involviment tieghu fis-sens li kien ukoll lest li jhallas ghall-ispejjez kagunati minn eghmilu.

Il-Prosekuzzjoni u d-Difiza trattaw ukoll li fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, tenut kont tal-ammissjoni bikrija registrata mill-imputat, tad-disposizzjoni li huwa wera li jhallas ghal eghmilu – anke billi jirrizarcixxi l-hsara li kkaguna, kif ukoll tax-xewqa li jibda hajja gdida l-boghod mill-abbuz tad-droga, qablu li f’dan il-kaz il-piena idoneja ghandha tkun ordni ta’ probation.

Rat li qabel ma tghaddi ghas-sentenza taghha, fuq talba tad-difiza, il-Qorti ddecidiet li kien opportun li, sabiex tikkalibra l-piena seww, il-Qorti l-ewwel tisma’ lis-social worker Mike Orland, li kien is-Social Worker li kien qieghed isegwi lill-imputat matul iz-zmien li l-imputat kien residenti fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin u anke kien baqgha f’kuntatt mieghu wara li hareg mill-istess Facilita.

Semghet ix-xiehda ta’ Mike Orland matul is-seduta tas-17 ta’ Marzu 2014.

**<u>Ikkunsidrat : -</u>**

Illi r-reati li bihom l-imputat jinsab mixli u li ghalihom ammetta kienu gew kommessi minnu fix-xhur ta’ Settembru u Ottubru tal-2007. Minn qari tal-fedina penali tieghu jidher li dak iz-zminijiet l-imputat kien ghaddej minn zmien fejn kien jabbuza minn sustanzi stupefacenti u kien ukoll jirrikorri ghas-serq. Mill-istess fedina penali tieghu jidher li l-ahhar kundanna li kellu l-imputat kienet tmur lura ghall-5 ta’ Novembru 2009 fejn kien gie kundannat ghal perjodu ta’ hames snin prigunerija.

F'dan il-kaz, il-Qorti rat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u ammetta htijietu fl-aktar stadju bikri tal-proceduri penali mossi kontrih kif ukoll fl-istqarrija tieghu kien qal li kien lest li jhallas ghad-dannu kagunat minnu. Hadet konjizzjoni wkoll tal-fatt li l-imputat huwa plurirecidiv fir-reat ta' serq u reati ohra inter alia relatati mal-abbuz tad-droga.

Illi l-imputat ghadu hiereg mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin wara li skonta sentenza relattivament twila ta' prigunerija. Mid-deposizzjoni ta' Mike Orland jidher li l-imputat ghadu jigi trattat ghall-abbuz mid-droga stante li ghadu qieghed jiehu l-methadone. Il-Qorti jidhrilha li l-perjodu li ghamel maqful fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin kien zmien twil bizzejjed sabiex l-imputat ikun jista jikkoregi lilu nnifsu u jiddeciedi darba ghal dejjem li jibdel hajtu. S'issa din il-Qorti rat li wara d-diversi sentenzi ta' liberta kondizzjonata jew prigunerija effettiva il-habs ma kellu ebda effett ta' riforma jew deterrent fuq l-imputat li baqa jippersisti fl-istess tipologija ta' reat – cioe r-reat ta' serq, possibilment biex ikun jista jiffinanzja l-vizzju tal-abbuz tad-droga. Il-fatt li skonta sentenza twila ta' prigunerija tista twasslu biex verament jibda jinqata minn hajja ta' delinkwenza u kriminalita.

Il-Qorti hadet ukoll konsiderazzjoni is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs George Farrugia" datata 18 ta' Jannar 2001 fejn dik il-Qorti kienet innutat li anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hija recidiva, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna "a window of opportunity" li permezz taghha ikun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li r-reati de quo gew kommessi fi zmien fejn l-imputat kien qieghed taht kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien hmistax il-xahar li kienet giet imposta fuqu minn din il-Qorti diversament presjeduta permezz ta' sentenza datata 16 t'April 2007. Din il-Qorti osservat ukoll li l-ksur ta' din il-kondizzjoni kienet diga giet rinfaccjata lill-imputat fis-sentenzi li gew erogati kontra tieghu fit-3 ta' Lulju 2008 u fil-5 ta' Novembru 2009 – fejn fiz-zewg kazijiet kien inghata sentenzi ta' prigunerija effettivi. Din il-Qorti rat li fil-kaz odjern l-Prosekuzzjoni ma rrinfaccjatx lill-imputat bil-ksur ta' din il-kondizzjoni naxxenti minn dik is-sentenza.

Ghall-fini ta' kjarezza, din il-Qorti rat diversi kazijiet decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn kwistjonijiet simili gew dibattuti u decizi. Hekk per ezempju fil-kaz : "Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly u Justin Farrugia" deciza nhar id-9 t'Ottubru 2008, minkejja l-fatt li l-imputati kienu specifikament mixlija li kkommettew ksur ta' kundizzjonijiet imposti fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati, u li huma ammettew ghall-istess imputazzjoni, il-Qorti tal-

Magistrati kienet qeghdithom taht ordni ta' probation; filwaqt li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkonfermat din l-ordni ta' probation fil-konfront ta' Rittmar Hatherly filwaqt li hassritha fil-konfront ta' Justin Farrugia minhabba li dan wera bic-car li ma riedx joqghod ghall-ordnijiet tal-Probation Officer assenjat lilu.

Principju simili gie ribadit aktar ricenti fil-kawza fl-ismijiet : "Il-Pulizija vs Andrew Formosa" decia nhar l-20 ta' Mejju 2011 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali konfrontata b'sitwazzjoni simili ghal dik in disamina fejn il-Prosekuzzjoni ma imputatx il-ksur tal-kundizzjonijiet jew talbet l-applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, iddecidiet li tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tliet snin, minkejja li l-Qorti tal-Magistrati kienet mhux biss sabitu hati, talli kienet ukoll applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Biss il-Qorti tal-Appell Kriminali hasset li l-imputat, ukoll ghar-ragunijiet imsemmija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Hatherly hawn fuq imsemmija, kellu jibbenefika minn ordni ta' probation, minkejja dak misjub fil-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dan il-kaz, din il-Qorti mhix konvinta li jekk l-imputat jerga jigi kundannat ghal piena karcerarja ohra fuq reati li huwa ammetta ghalihom u li sehhew aktar minn sitt snin wara li gew kommessi, sejjer ikun qieghed imur ghall-ahjar f'hajtu. Il-Qorti jidhrilha li issa wasal iz-zmien tat-test veru kemm l-imputat irriforma ruhu fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin wara li skonta sentenza ta' prigunerija twila u wasal it-test tieghu biex juri kemm verament irid li jirriforma ruhu, bl-ghajnuna ta' nies professjonali bhal Social Workers u Psikologi. Stando fuq dak li xehed Mike Orland jidher li ghall-imputat ghad hemm tama li b'ghajnuna professjonali, ikun jista jghix hajja normali l-boghod minn kriminalita.

Wara li qieset bir-reqqa dak kollu mistqarr aktar il-fuq, bhall-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz *Hatherly*, din il-Qorti lesta li tiehu r-riskju u li minflok terga tikkundanna lill-imputat ghal piena ohra ta' prigunerija, bi hsiebha li tqeghdu taht ordni ta' *probation* bl-obbligu li l-imputat jigi segwit **barra** l-konfini tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin, fejn donnu ma kien tghallem xejn, minkejja li kien residenti hemmhekk ghal diversi drabi. Lesta li tara jekk verament l-imputat inbidilx jew irid jinbidel ghall-ahjar, iqum fuq saqajh u jghix ta' nies, bhal nies.

Il-Qorti wissiet lill-imputat li din id-decizjoni li jibdel hajtu tehtieg impenn serju minn naha tieghu stess billi jsegwi l-ordinijiet kollha li jkunu imposti fuqu mill-Ufficjal tal-Probation. Naturalment issa jispetta lill-imputat jaghraf juza tajjeb din l-opportunita. Fin-nuqqas issa

ma jkollu ebda skuza li ma inghatatx il-possibbilita mill-Qrati li jqum fuq saqajh u jhares il-quddiem ghall-gid tieghu u tal-familjari tieghu. Il-konsegwenzi ta' eghmilu minn issa l-quddiem jafhom kollha u jaf issa x'ghandu jistenna mill-Qrati jekk jerga jiddelinkwi.

**Decide : -**

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 261(b)(f)(g), 263(a), 264(1), 265, 266, 270, 271(g), 278(3) u 325(1)(b)(c) tal-Kodici Kriminali fuq l-ammissjoni tieghu stess, qeghda ssib lill-Stephen Urry, recidiv f'delitti, hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih; izda peress li hija tal-fehma li fic-cirkostanzi jissussistu l-elementi rikjesti mill-Ligi, ai termini tal-Artikolu 7(1)(2)(5) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tpoggi lill-imputat Stephen Urry taht Ordni ta' *Probation* ghal perjodu ta' tliet (3) snin millum kif ukoll qeghda tqieghdu taht ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili nonche sabiex jigi mghejjun jeghleb kompletament il-vizzju tal-abbuz mid-droga, b'dan li ghal dan l-iskop qeghda tordna lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex perjodikament jaghmel dawk l-ezamijiet kollha mehtiega fuq il-hati nonche jippreskrivi dawk it-trattamenti u/jew kura u/jew programmi kollha li jkunu mehtiega biex Stephen Urry jeghleb b'success il-vizzju ta' dipendenza u l-abbuz mid-droga, liema ordnijiet huma soggetti ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-digrieti moghtija illum stess u annessi ma din is-sentenza u li jifformaw parti integrali minnha.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, il-Qorti fissret lill-Stephen Urry bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u trattament kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistghu jigu sofferti f'kaz ta' nuqqas t'adezjoni mat-termini tal-ordni tat-trattament hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation u trattament moghti bid-Digrieti ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati Stephen Urry.

L-Ufficjal tal-*Probation* assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-imsemmi Stephen Urry kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------